



European
Commission

JRC SCIENCE FOR POLICY REPORT

L-Awtorità Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi

Awturi: Brečko, B., Ferrari, A.,
Edituri: Vuorikari R., Punie Y.

2016

Din il-pubblikazzjoni hija rapport dwar ix-Xjenza għall-Politika miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), is-servizz tax-xjenza u l-għarfien tal-Kummissjoni Ewropea. Għandha l-għan li tipprovi appoġġ xjentifiku bbażat fuq l-evidenza lill-proċess tat-tfassil tal-politika Ewropea. Ir-rendiment xjentifiku espress ma jimplikax pożizzjoni ta' politika tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas ebda persuna oħra li tagħxi f'isem il-Kummissjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir minn din il-pubblikazzjoni.

Parti minn dan ir-rapport ġiet prodotta skont il-Programm tal-UE dwar il-Konsumatur (2007-2013) taħt kuntratt ta' servizz mad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni Ewropea (Ordni ta' akkwist 17.010401 /14 / 699115 u Ordni ta' akkwist 17.010401 /14 / 699107).

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni jirrappreżenta l-opinjoni tal-awturi tagħha u bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala li jirrifletti l-opinjoni tad-DG Ġustizzja u Konsumaturi, il-Kummissjoni Ewropea jew kwalunkwe entità oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ċentru tax-Xjenza tal-JRC

<https://ec.europa.eu/jrc>

JRC103155

EUR 28133 MT

PDF ISBN 978-92-79-65750-4 ISSN 1831-9424 doi:10.2791/480652

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

© Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors.

Kif għandu jsir referenza għaliha: Brečko, B., Ferrari, A., editjata minn Vuorikari R., Punie Y. (2016). Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi; Ir-Rapport dwar ix-Xjenza għall-Politika miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka; EUR 28133 MT; doi:10.2791/480652.

L-immaġini kollha ©Unjoni Ewropea 2016

Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi (DigCompConsumers).

Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi, jew "DigCompConsumers", joffri qafas ta' referenza għall-appoġġ u t-titjib tal-kompetenza diġitali tal-konsumaturi. Il-kompetenza diġitali għall-konsumaturi hija ddefinita bħala l-kompetenza meħtieġa mill-konsumaturi biex jiffunzjonaw b'mod attiv, sikur u assertiv fis-suq diġitali. Din id-definizzjoni tibni fuq l-idma eżistenti fuq il-kompetenza tal-konsumaturi, u fuq il-kompetenzi diġitali ġenerali kif iddefiniti fil-qafas DigComp 2.0. Dan ir-rapport jintroduċi l-mudell ta' referenza kunċettwali (DigCompConsumers) li jiddeskrivi 14-il kompetenza u jagħti eżempji ta' kull kompetenza f'termini ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet.

Werrej

Daħla	1
Sommarju eżekuttiv	2
I. Introduzzjoni	4
I.I Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi	4
I.II Konsumaturi fi swieq diġitali	4
I.III Konsumaturi u kompetenza diġitali	5
I.IV Minn DigComp għal DigCompConsumers	6
II Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi	8
II.I Kompetenzi, deskritturi, u eżempji	8
Qasam 1:Qabel ix-xiri	9
Qasam 2:Ix-xiri	13
Qasam 3:Wara x-xiri	18
III. Użi possibbli ta' DigCompConsumers	21
III.I Formulazzjoni u appoġġ tal-politika	21
III.II Ippjanar u Valutazzjoni Struzzjonali	21
IV. Konklużjonijiet.....	22
Referenzi	23
ANNEX I: Glossarju	25
ANNEX 2: Immappjar bejn DigComp u DigCompConsumers.....	27
ANNEX 3:Parteċipanti fis-sessjonijiet ta' ħidma	28

Daħla

Il-Kummissjoni Ewropea mmexxija mill-President Jean-Claude Juncker, impenjat ruħha biex toħloq, bħala waħda mill-għanijiet ewlenin tagħha, Suq Uniku Diġitali fejn iċ-ċittadini u n-negozji jistgħu, mingħajr xkiel u b'mod ġust jaċċessaw oġġetti u servizzi online, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħha, u kull fejn jgħixu.

Il-konsumaturi huma essenzjali biex dan is-Suq Uniku Diġitali jiffunzjona. L-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali se tissimplifika r-regoli tal-konsumatur għal xiri online, u tadatta r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, id-drittijiet tal-awtur u t-telekomunikazzjoni għall-era diġitali. Iżda aċċess aħjar għall-konsumaturi għal oġġetti u servizzi diġitali madwar l-Ewropa ma jinkisibx permezz ta' bidliet leġiżlattivi biss. Jirrikjedi wkoll l-għoti ta' spinta lill-ħiliet u t-tagħlim diġitali.

Fl-"Aġenda Ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa", il-Kummissjoni għalhekk impenjat ruħha biex tappoġġa sforzi nazzjonali u għandha rwol fit-tisħiħ tal-ħiliet diġitali u l-iffaċilitar tat-tagħlim tal-ħiliet diġitali.

Dan il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi huwa bbażat fuq il-Qafas Ewropew ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp), qafas ta' referenza komuni ta' xi jfisser li tkun ċittadin midħla tat-teknoloġija diġitali.

DigComp għall-Konsumaturi għandu l-għan li jiddefinixxi l-kompetenza li jeħtieġu l-konsumaturi biex jiffunzjonaw b'mod attiv, sikur u assertiv fis-suq diġitali. Il-konsumaturi se jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jibbenefikaw minn swieq diġitali miftuħa jekk jakkwistaw għarfien ġdid, jiżviluppaw u jipprattikaw ħiliet ġodda, u jadottaw attitudni kritika u bilanċjata għas-suq diġitali.

DigComp għall-Konsumaturi huwa proġett konġunt ta' riċerka tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi tal-Kummissjoni u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Huwa bbażat fuq konsultazzjoni ma', u kontribut attiv minn firxa wiesgħa ta' esperti u partijiet ikkonċernati. Nixtieq niringrazzja lill-awturi tiegħu, u lil dawk kollha li kkontribwixxew l-għarfien u l-enerġija tagħhom.

Nispera li DigComp għall-Konsumaturi jsir referenza għall-iżvilupp u l-ippjanar strateġiku tal-inizjattivi tal-kompetenza tal-konsumatur diġitali, fil-livelli Ewropej kif ukoll tal-Istati Membri.

Nittama li jgħin u jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi, l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, l-għalliema u l-istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-għalliema, kif ukoll lill-atturi privati, biex itejbu l-gwida tagħhom għat-tagħlim tal-ħiliet tal-konsumatur diġitali liż-żgħar u l-kbar.

Tiina Astola
Direttur-
Ġenerali
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi

Sommarju eżekuttiv

Dan ir-rapport jippreżenta l-Qafas ta' Referenza tal-Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi, DigCompConsumers. Il-kompetenza diġitali għall-konsumaturi hija ddefinita bħala l-kompetenza meħtieġa mill-konsumaturi biex jiffunzjonaw b'mod attiv, sikur u assertiv fis-suq diġitali.

DigCompConsumers jiddeskrivi 14-il kompetenza li huma raggruppati fi tliet oqsma prinċipali: qabel ix-xiri, ix-xiri u wara x-xiri. Il-Qafas jispjega kull kompetenza b'eżempji konkreti f'termini ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi.

L-utenti mistennija tal-Qafas huma l-edukazzjoni pubblika, il-politika tal-konsumatur u awtoritajiet oħra, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, għalliema u istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-għalliema, kif ukoll l-edukazzjoni tas-soċjetà privata u ċivili jew l-atturi tat-taħriġ.

Il-Kuntest tal-politika

Il-Qafas ta' Referenza DigCompConsumers huwa azzjoni konġunta tad-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC). Jaħdem biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa u s-Suq Uniku Diġitali (DSM). Dawn iż-żewġ inizjattivi tal-Kummissjoni Juncker enfasizzaw l-importanza tal-ħiliet diġitali taċ-ċittadini u l-ħtieġa li jtejbu l-kapaċità tagħhom biex jipparteċipaw b'mod aktar profond fis-soċjetà diġitali u l-ekonomija tagħna.

Konklużjonijiet ewlenin

Din hija l-ewwel verżjoni tal-Qafas ta' Referenza tal-Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi, li għadha relattivament teoretika u kunċettwali. Se tiżvela l-utilità tagħha fil-prattika ta' kuljum, u għandha tiġi aġġustata kif mistħoqq.

Oqsma ta' kompetenza	Kompetenzi
1. Qabel ix-xiri	<ul style="list-style-type: none">1.1 L-ibbrawżjar, it-tiftix u l-iffiltrar ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi1.2 L-evalwazzjoni u t-tqabbil ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi1.3 Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali u reklamar1.4 Il-ġestjoni tal-identità u l-profil diġitali fis-suq diġitali1.5 Il-kunsiderazzjoni tal-konsum responsabbli u sostenibbli fis-swieq diġitali
2. Xiri	<ul style="list-style-type: none">2.1 L-interazzjoni fis-suq diġitali għax-xiri u l-bejgħ2.2 Il-parteċipazzjoni fi pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva2.3 Il-ġestjoni ta' pagamenti u finanzi permezz ta' mezzi diġitali2.4 Il-fehim ta' drittijiet tal-awtur, liċenzji u kuntratti ta' oġġetti u servizzi diġitali2.5 Il-ġestjoni tad-data personali u l-privatezza2.6 Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà
3. Wara x-xiri	<ul style="list-style-type: none">3.1 Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' konsumaturi oħra fis-suq diġitali3.2 Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi fis-suq diġitali3.3 L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-limiti tal-kompetenza tal-konsumatur diġitali

Xogħol relatat u futur

DigCompConsumers huwa parti mill-ħidma fuq sensiela usa' ta' studji li l-JRC qed iwettaq fuq oqfsa ta' kompetenza fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg u t-tagħlim tul il-ħajja. Eżempji ta' dawn jinkludu l-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini 2.0 (Vuorikari *et al.*, 2016), il-Qafas Ewropew għall-Organizzazzjonijiet Edukattivi Diġitalment Kompetenti (Kampylis *et al.*, 2016), il-Qafas ta' Kompetenza tal-Intraprenditorjat għaċ-Ċittadini (Bacigalupo *et al.*, 2016) u l-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Edukaturi (*li ġej*).

I. Introduzzjoni

I.I Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi

Dan ir-rapport jintroduċi l-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi (DigCompConsumers)¹.

Il-kompetenza diġitali għall-konsumaturi hija ddefinita hawnhekk bħala l-kompetenza li jeħtieġu l-konsumaturi biex jiffunzjonaw b'mod attiv, sikur u assertiv fis-suq diġitali. Din id-definizzjoni tibni fuq il-ħidma preċedenti li saret fuq il-kompetenza tal-konsumaturi u tadattaha għal ambjenti diġitali (Kummissjoni Ewropea, 2011).

Il-pubblikazzjoni tal-Qafas ta' Referenza tal-Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi mill-Kummissjoni Ewropea hija maħsuba bħala l-ewwel pass lejn il-kisba ta' fehim komuni tal-kompetenzi li l-konsumaturi jeħtieġu fis-suq diġitali. Għandha l-għan li tiċċara għanijiet komuni, u li żżid il-viżibiltà tagħhom fost il-partijiet ikkonċernat u l-komunità kollha. Il-Qafas jiddeskrivi eżiti ta' taġlim mistennija lil dawk b'interess fl-edukazzjoni diġitali u tal-konsumatur, u għandu l-għan li jinkoraġġixxi diskussjoni dwar kif jitwasslu gwida, edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, fil-livell kemm tal-Istat Membru kif ukoll tal-UE.

Il-Qafas DigCompConsumers huwa azzjoni konġunta tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka(JRC), is-servizz tax-xjenza u l-għarfien tal-Kummissjoni.

Il-ħidma titwettaq biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fl-aktar żewġ Komunikazzjonijiet riċenti tagħha "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa - Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (Kummissjoni Ewropea, 2016) u "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (Kummissjoni Ewropea, 2015a). It-tnejn jenfasizzaw l-importanza tal-għoti ta' spinta lill-ħiliet u t-taġlim diġitali sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jaħtftu l-opportunitajiet tas-soċjetà u l-ekonomija diġitali.

Din il-ħidma għandha wkoll l-għan li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-parti rilevanti tar-Rakkomandazzjoni riveduta tal-OECD dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur fil-kummerċ elettroniku, b'mod partikolari: "*Gvernijiet u partijiet ikkonċernati għandhom jaħdmu flimkien biex itejbu l-kompetenza diġitali tal-konsumaturi permezz ta' programmi edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni li għandhom l-għan li jipprovduhom b'għarfien u ħiliet rilevanti biex jaċċessaw u jużaw teknoloġija diġitali biex jipparteċipaw fil-kummerċ elettroniku.*" (OECD 2016, p.18).

I.II Konsumaturi fi swieq diġitali

Aħna ngħixu f'dinja iperkonnessa. B'rata ta' penetrazzjoni ta' 97 % fl-2015 (Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, 2015), in-numru ta' abbonamenti għal telefons ċellulari qed joqrob lejn in-numru ta' persuni fid-dinja. Fl-2015, 83 % tal-familji fit-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (UE28) kellhom aċċess għall-Internet (Eurostat 2015²). Din id-dipendenza u l-użu miżjud tat-teknoloġija għal attivitajiet ta' kuljum għandha effett fuq diversi aspetti tal-ħajja taċ-ċittadini, inkluż l-għażliet tagħhom bħala konsumaturi.

Il-komplessità u l-multipliċità ta' swieq diġitali jipprovdu għadd kbir ta' opportunitajiet u riskji għall-konsumaturi. Illum il-ġurnata, il-konsumaturi jakkwistaw oġġetti u servizzi "b'xejn" bi skambju għad-data personali tagħhom, u t-trasferimenti tad-data joħolqu riskji ġodda għall-privatezza u s-sigurtà. Prodotti u servizzi tal-kontenut diġitali jqajmu mistoqsijiet dwar restrizzjonijiet fuq l-użu. Prodotti mhux sikuri huma offruti online bejn il-fruntieri, u pjattaformi online u

1 <https://ec.europa.eu/jrc/digcompconsumers>

2 Ara: <http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&plugin=1&pcode=tin00134&lang>
<http://ec.europa.eu/eurostat/tgm/table.do?tab=table&init=1&plugin=1&pcode=tin00134&lang>

swieq bejn il-pari j'ċajpru d-distinzjonijiet bejn negozjanti u konsumaturi u jisfidaw oqfsa lejizlattivu (Kummissjoni Ewropea, 2015b).

F'dan ix-xenarju li qed jinbidel, il-konsumaturi jeħtieġu sett g'did ta' kompetenzi biex jinvolvu ruħhom fis-suq online, biex jagħmlu għażliet infurmati, biex iżidu l-benessri tagħhom, biex ikunu jistgħu jiżnu l-benefiċċji kontra r-riskji. Minħabba l-veloċità mgħaġġla tal-bidla, l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tal-konsumaturi jeħtieġ li jiġu aġġornati b'mod regolari, jew jirriskjaw li jaqgħu lura meta mqabbla mas-sofistikazzjoni li dejjem tiżdied tal-prattiki tas-suq diġitali. Konsumaturi kompetenti online jkunu konsumaturi kompetenti u kunfidenti, u bħala tali, jikkontribwixxu biex is-swieq (diġitali) inġenerali, b'mod partikolari s-Suq Uniku Diġitali, jiffunzjonaw sew.

I.III Konsumaturi u kompetenza diġitali

Dan il-Qafas jiffoka esklussivament fuq dawk l-aspetti li huma rilevanti fil-kuntest tal-kompetenzi tal-konsumaturi fl-ambjenti diġitali. Kompetenzi diġitali ġenerali li konsumaturi bħala utenti tat-teknoloġiji jkollhom jakkwistaw bħala prerekwiżit biex jiffunzjonaw f'ambjent diġitali huma deskritti f'DigComp (Vuorikari *et al.*, 2016). Bl-istess mod, lanqas il-kompetenzi ġenerali tal-konsumaturi (eż. il-Kunsill Nordiku tal-Ministri, 2009, il-Grupp ta' Ħidma għall-Edukazzjoni tal-Konsumatur Nordiku-Estonjan, 2010) li mhumiex speċifiċi għad-dinja diġitali ma huma inklużi hawnhekk.

Il-Qafas ikopri kwistjonijiet ewlenin tal-protezzjoni tal-konsumatur fil-kummerċ elettroniku, bħal Prattiki tan-negozju u r-reklamar ġusti u trasparenti; informazzjoni dwar negozji, oġġetti u servizzi, u tranżazzjonijiet; mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim u ta' rimedju u tal-protezzjoni tal-pagamenti. Barra minn hekk, jindirizza wkoll kwistjonijiet ta' ħlas bid-data u l-privatezza/is-sigurtà tad-data, kwistjonijiet tal-kontenut diġitali, parteċipazzjoni tal-pjattaforma bejn il-pari.

Kompetenzi tal-konsumaturi diġitali kif deskritti f'dan il-Qafas jikkombinaw l-għarfien, il-ħiliet, u l-attitudnijiet (inklużi għaldaqstant valuri, drawwiet, ħiliet). Il-kompetenzi huma maħluqa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-kompetenzi ewlenin tat-tagħlim tul il-ħajja (Kummissjoni Ewropea, 2006), li tiddefinixxi l-kompetenza bħala s-somma tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet.

Il-letteratura eżistenti dwar il-konsumaturi fis-suq diġitali għandha t-tendenza li tiffoka fuq ir-riskji tal-frodi u l-qerq li l-konsumaturi jiffaċċjaw f'ambjenti online. Filwaqt li dan huwa ta' importanza primarja fl-iżvilupp tal-kompetenzi tal-konsumaturi, il-Qafas jiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' kompetenzi proattivi li jgħinu lill-konsumaturi jibbenefikaw mill-opportunitajiet offruti mis-suq diġitali.

L-objettiv globali tal-Qafas huwa li jsaħħaħ il-kunfidenza tal-konsumaturi fix-xiri u l-bejgħ diġitali, biex ikun possibbli li l-konsumaturi jkollhom rwol attiv u assertiv fis-suq diġitali.

B'mod partikolari, l-objettivi tal-Qafas huma biex jgħinu lill-konsumaturi:

- jagħmlu għażliet infurmati fis-suq diġitali;
- joperaw online b'mod sikur u jevitaw li jaqgħu vittima għal Prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni online frawdolenti jew qarrieqa;
- jifhmu Prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar diġitali;
- jimmaniġġjaw operazzjonijiet finanzjarji online;
- jifhmu r-riskji u l-vantaġġi tal-ġbir tad-data diġitali u tal-ekonomija kollaborattiva li qed tiżviluppa.

B'dawn l-objettivi, il-Qafas huwa maħsub bħala mudell kunċettwali u ta' referenza u għandu l-għan li jkun miftuħ għad-diversità kulturali. Mhumiex maħsub li l-eżempji tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jingħataw għal kull kompetenza jkunu eżawrjenti. Huma maħsuba bħala sors ta' ispirazzjoni għal adattament lokali, jew għal adattament għal grupp fil-mira jew għan speċifiku.

Qafas ta' kompetenza għal konsumaturi diġitali ma jissostitwixxix u ma jistax jissostitwixxi regolamenti u leġiżlazzjoni li jipproteġu lill-konsumaturi, minħabba li ż-żewġ aspetti - li jsaħħu l-kompetenzi diġitali tal-konsumaturi u li jilleġiżlaw is-suq diġitali - iridu jmorru id f'id sabiex jipprovdur esperjenza ta' xiri u ta' bejgħ sikura għal kulħadd.

L-udjenza ewlenija li għaliha huwa indirizzat dan il-qafas hija ta' natura professjonali, bħal awtoritajiet pubbliċi, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, esperti tal-edukazzjoni tal-konsumaturi, u professjonisti edukattivi bħal għalliema u istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-għalliema, kif ukoll atturi privati u s-soċjetà ċivili.

I.IV Minn DigComp għal DigCompConsumers

Il-punt tat-tluq għal DigCompConsumers huwa l-Qafas ta' Kompetenzi Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp), li ġie żviluppat għall-ewwel darba fl-2013 mill-JRC f'isem id-DĠ Edukazzjoni u Kultura, u kompli jiġi żviluppat f'isem id-DĠ Impjiegi, Ħiliet, Affarijiet Soċjali u Inkluzjoni³.

Għalhekk, il-metodoloġija għall-bini ta' dan il-Qafas issegwi l-istess prinċipji u struttura modulari bħal DigComp. DigCompconsumers jikkonsisti b'mod partikolari minn:

- 3 oqsma li huma raggruppati matul iċ-ċiklu tax-xiri,
- 14-il titlu ta' kompetenza u deskrittur ta' kompetenza,
- 210 eżempji ta' għarfien, ħiliet, u attitudnijiet.

Għalkemm oriġina minn DigComp, DigCompConsumers huwa qafas awtonomu u jista' jintuża b'mod indipendenti.

Il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi (DigCompConsumers) ġiet diskussa għall-ewwel darba fis- "Summit tal-UE dwar il-Konsumatur" f'April tal-2014. F'dik l-okkażjoni, ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati tal-politika tal-konsumaturi ddiskutew matul sessjoni ta' hídma dwar "Ħtiġijiet letterarji diġitali għal konsumaturi online"⁴ jekk u kif għandhom jadattaw il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp) għall-kuntest tal-konsumatur.

Bħala segwitu, ġie stabbilit proġett konġunt ta' riċerka, li jikkonsisti minn żewġ partijiet. L-ewwel parti kienet studju preparatorju biex jiġu identifikati kwistjonijiet emerġenti u detrimenti potenzjali fil-kuntest tal-konsumatur diġitali, kif ukoll l-aħjar prattiki rigward il-kompetenza diġitali fl-edukazzjoni tal-konsumaturi, bħala bażi għall-Qafas DigCompConsumers (Fielder *et al.*, 2016).

It-tieni parti kienet l-iżvilupp tal-Qafas DigCompConsumer innifsu. Dan twettaq mill-awturi ta' dan ir-rapport b'apport mill-JRC u DĠ JUST. Id-deskrizzjoni inizjali tagħhom ġiet diskussa f'sessjoni ta' hídma tal-esperti f'Diċembru 2015 u r-riżultat ġie vvalidat permezz ta' konsultazzjonijiet online u sessjoni ta' hídma tal-esperti ieħor f'April 2016, li ddiskuta wkoll il-każijiet tal-użu possibbli tal-Qafas u ideat dwar livelli ta' profiċjenza.

Il-Qafas innifsu huwa għalhekk riżultat ta' sforz konġunt. Ġie żviluppat, rivedut u vvalidat bl-għajnuna ta' grupp magħżul ta' esperti tal-edukazzjoni diġitali u tal-konsumaturi mil-livelli tal-UE, l-OECD u l-Istati Membri, inklużi awtoritajiet nazzjonali tal-konsumaturi (FI, EE, AT, SE), istituti u akkademiċi tar-riċerka dwar il-konsumaturi (NL, F, NO), assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi (DE, UE) u oħrajn.

Il-Qafas, u b'mod partikolari l-eżempji tiegħu, se jirrikjedi reviżjoni u aġġornament, minħabba li joħorġu xejriet u sfidi ġodda għall-konsumaturi fis-suq dinamiku tal-kummerċ elettroniku tal-lum.

³ F'Ġunju 2016, ġiet ippubblikata Fażi 1 tal-aġġornament. Fażi 2 tlestiet fl-aħħar tal-istess sena.

⁴ http://ecs.onetec.eu/2014/workshops5_en.html

It-terminoloġġja u l-kunċetti użati f'DigCompConsumers għandhom li jirriflettu kemm dawk użati f'DigComp 2.0 kif ukoll dawk użati normalment f'kuntest tal-politika tal-konsumaturi (ara l-Anness 1 għall-Glossarju).

Fil-Kapitolu 2, kull waħda mill-14-il kompetenza li ġew identifiċati hija ppreżentata f'tabella li tinkludi: titolu, definizzjoni qasira tal-kompetenza, u eżempji tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet relatati mal-kompetenza.

Il-Kapitolu 3 jiddiskuti fil-qosor użi possibbli tal-Qafas fuq livell nazzjonali u internazzjonali, għall-formulazzjoni u l-appoġġ tal-politika, l-ippjanar struzzjonali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi, u l-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni.

Il-Kapitolu 4 jippreżenta l-konklużjoni tar-rapport u xi ideat għall-passi possibbli li jmiss.

L-Anness 1 jippreżenta l-immappjar bejn DigCompConsumers u l-Qafas DigComp; L-Anness 2 jinkludi glossarju; u l-Anness 3 jelenka l-parteċipanti fis-sessjonijiet ta' ħidma.

II Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi

Il-Qafas għandu t-tendenza li jkun deskrittiv aktar milli preskrittiv. Dan ifisser li l-Qafas huwa mibni biex jiddeskrivi liema huma l-kompetenzi meħtieġa mill-konsumaturi fis-suq diġitali, mingħajr ma jimponi normi għall-imġiba tal-konsumaturi. Huwa newtrali, mhux jwiegħ – jew tal-inqas għandu l-għan li ma jkunx - kulturalment ippreġudikat jew esklussiv. Bħala tali, jista' sussegwentement jiġi mfassal apposta għall-użi u l-gruppi fil-mira speċifiċi.

Il-Qafas isegwi l-loġika tal-konsumatur u huwa maqsum fi tliet oqsma (jew fażijiet): qabel ix-xiri, ix-xiri u wara x-xiri.

Tabella 1: Lista tal-kompetenzi ta' DigCompConsumers

Oqsma ta' kompetenza	Kompetenzi
1. Qabel ix-xiri	1.1 L-ibbrawżjar, it-tiftix u l-iffiltrar ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi 1.2 L-evalwazzjoni u t-tqabbil ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi 1.3 Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali u reklamar 1.4 Il-ġestjoni tal-identità u l-profil diġitali fis-suq diġitali 1.5 Il-kunsiderazzjoni tal-konsum responsabbli u sostenibbli fis-swieq diġitali
2. Xiri	2.1 L-interazzjoni fis-suq diġitali għax-xiri u l-bejgħ 2.2 Il-parteċipazzjoni fi pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva 2.3 Il-ġestjoni ta' pagamenti u finanzi permezz ta' mezzi diġitali 2.4 Il-fehim ta' drittijiet tal-awtur, liċenzji, u kuntratti ta' oġġetti u servizzi diġitali 2.5 Il-ġestjoni tad-data personali u l-privatezza 2.6 Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà
3. Wara x-xiri	3.1 Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' konsumaturi oħra fis-suq diġitali 3.2 Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi fis-suq diġitali 3.3 L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-limiti tal-kompetenza tal-konsumatur diġitali

II.I Kompetenzi, deskritturi, u eżempji

Din it-taqsimha tipprovdi, b'mod tabulari, il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi, li huwa l-element ewlieni ta' dan ir-rapport. Għal kull qasam nipproponu deskrizzjoni tal-qasam; u lista ta' kompetenzi li jappartjenu għal dak il-qasam. Għal kull kompetenza, tajna deskrizzjoni dettaljata u lista mhux eżawrjenti ta' eżempji tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jistgħu jispjegawha. Għandhom l-għan li jipprovdu gwida aktar dettaljata dwar dak li tfisser dik il-kompetenza speċifika. Għandhom għalhekk jintużaw bħala sors ta' ispirazzjoni għal adattament lokali, jew għal adattament għal grupp fil-mira jew għan speċifiku.

Filwaqt li nirrealizzaw li hemm xi trikkib possibbli fl-eżempji bejn kompetenzi u oqsma, ingħatat attenzjoni biex dan it-trikkib jinżamm għal-livell minimu.

L-eżempji jinkludu xi kunċetti ewlenin tad-drittijiet tal-konsumatur diġitali tal-UE, iżda m'għandhomx l-għan li jirriflettu dawn id-drittijiet kollha, u lanqas li jirriflettu dawn id-drittijiet fid-dettall, jew kif japplikaw f'pajjiżi individwali. Lanqas ma jqsu

kwalunkwe leġislazzjoni futura. L-eżempji għandhom l-għan li jirriflettu prattiki u drawwiet komuni attwali li l-konsumaturi żviluppaw fis-swieq diġitali.

Minħabba li s-swieq diġitali jevolvu, u minħabba li l-qafas regolatorju applikabbli jinbidel, kemm l-eżempji kif ukoll il-kompetenzi nfushom jeħtieġ li jiġu aġġornati.

Qasam 1: Qabel ix-xiri

Azzjonijiet meħuda qabel ix-xiri ta' oġġetti u servizzi fis-suq diġitali, li jiffukaw fuq it-tiftix ta' informazzjoni, it-tqabbil ta' informazzjoni, l-evalwazzjoni ta' alternattivi, it-trattament ta' komunikazzjoni kummerċjali, il-ġestjoni tal-identità diġitali, u l-għażliet ta' konsum responsabbli u sostenibbli.

- 1.1 L-ibbrawżjar, it-tiftix u l-iffiltrar ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi
- 1.2 L-evalwazzjoni u t-tqabbil ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi
- 1.3 Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali u reklamar
- 1.4 Il-ġestjoni tal-identità u l-profil diġitali fis-suq diġitali
- 1.5 Il-kunsiderazzjoni tal-konsum responsabbli u sostenibbli fis-swieq diġitali

1.1 L-ibbrawżjar, it-tiftix u l-iffiltrar ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi

It-tiftix ta' u l-aċċess għal informazzjoni relatata ma' oġġetti u servizzi permezz ta' għodod diġitali L-identifikazzjoni u l-għażla ta' informazzjoni meħtieġa rigward oġġetti, servizzi u opzjonijiet ta' tranżazzjonijiet

<p><i>Eżempji ta' għarfien</i></p>	<p>Ir-rikonoxximent li magni tat-tiftix mhumiex newtrali u li r-riżultati tat-tiftix u l-klassifika ta' riżultati tat-tiftix ta' oġġetti u servizzi huma influwenzati mir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni</p> <p>L-għarfien li magni tat-tiftix differenti jistgħu jagħtu riżultati ta' tiftix differenti għal oġġetti u servizzi</p> <p>L-għarfien li l-internet jagħti aċċess għal ħwienet online madwar id-dinja, u jista' jkun utli li wieħed jikkontrolla offerti f'pajjiżi/lingwi oħra</p> <p>L-għarfien dwar diversi għodod diġitali (eż. portali u applikazzjonijiet mobbli) li jiffaċilitaw ix-xiri online</p> <p>Li wieħed jirrealizza li ħafna kumpaniji, ħwienet u aġenziji tal-gvern għandhom servizzi ta' kummerċ elettroniku u tal-gvern elettroniku disponibbli online</p> <p>Il-kapaċità li wieħed isemmi siti li jbigħu oġġetti bi prezzijiet imnaqqa</p>
<p><i>Eżempji ta' ħiliet</i></p>	<p>L-użu ta' diversi magni tat-tiftix, u l-bidla għal magna tat-tiftix differenti biex jinkisbu riżultati aħjar</p> <p>L-iffiltrar tar-riżultati tat-tiftix biex jiġi aġġustat it-tiftix</p> <p>L-irfinar tat-tiftix tal-informazzjoni u l-għażla ta' kliem speċifiku sabiex jinstabu l-oġġetti u s-servizzi mixtieqa</p> <p>Is-sejba tal-aħjar offerti permezz ta' għodod u ambjenti diġitali (eż. permezz tat-tiftix tas-servizzi tat-tqabbil tal-prezz)</p> <p>L-identifikazzjoni tar-riżultati tat-tiftix rilevanti minn outputs tat-tiftix. L-ikkontrollar tar-riżultati tat-tiftix lil hinn mill-ewwel paġna</p>

<p><i>Eżempji ta' attitudni</i></p>	<p>Li wieħed ikun proattiv fit-tiftix għal informazzjoni dwar oġġetti u servizzi</p> <p>L-għoti ta' valur lill-impatt pożittiv li t-teknoloġiji għandhom biex isiru għażliet tal-konsumaturi infurmati aħjar</p> <p>Li wieħed ikun lest jirrikonoxxi l-limiti fil-kapaċità tiegħu li jipproċessa informazzjoni u jirreżisti stimuli offruti mis-suq diġitali</p>
-------------------------------------	--

1.2 L-evalwazzjoni u t-tqabbil ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi

It-tqabbil u l-evalwazzjoni kritika tal-affidabbiltà ta' sorsi diġitali ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi. It-tqabbil u l-evalwazzjoni kritika ta' informazzjoni dwar oġġetti, servizzi, it-termini u l-kundizzjonijiet tax-xiri relatati mas-suq diġitali. It-tqabbil ta' offerti kummerċjali permezz ta' għodod ta' tqabbil, siti web u kanali tal-bejgħ.

<p><i>Eżempji ta' għarfien</i></p>	<p>Il-fehim li mhux l-informazzjoni kollha online dwar oġġetti u servizzi hija affidabbli jew kompleta</p> <p>Il-fehim li r-riżultati tat-tqabbil fil-prezz jistgħu ma jkunux kompleti, u jistgħu ma jkunux eżatti jew imparzjali</p> <p>L-għarfien dwar għodod diġitali (eż. applikazzjonijiet mobbli, portali, siti) sabiex wieħed ikun jista' jqabbel oġġetti, servizzi, prezzijiet</p> <p>Li wieħed ikun jaf kif isib siti, komunitajiet u gruppi ta' midja soċjali fejn konsumaturi jikkondividu opinjonijiet dwar prodotti u servizzi</p> <p>Li wieħed ikun jaf kif jikkontrolla l-affidabbiltà tal-bejjiegħa tal-kummerċ elettroniku u s-siti web (eż. jivverifika jekk l-identità, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt tal-bejjiegħ humiex kompluti)</p> <p>L-għarfien li l-marki ta' fiduċja tal-kummerċ elettroniku⁵ huma mezz kif jiġu identifikati ħwienet online affidabbli</p> <p>L-għarfien kif wieħed iqabbel biss prezzijiet totali li jinkludu l-VAT</p> <p>L-għarfien li regolaturi ta' servizzi tal-enerġija, it-telekomunikazzjoni u finanzjarji jagħmlu l-għodod tat-tqabbil online disponibbli</p> <p>L-għarfien li assoċjazzjonijiet ta' konsumaturi indipendenti jagħmlu għodod tat-tqabbil u l-ittestjar komparattiv disponibbli online</p> <p>L-għarfien li xi riżultati tal-għodod tat-tqabbil (prezz) jistgħu jiġu influwenzati mir-reklamar u/jew il-kummerċjalizzazzjoni</p>
<p><i>Eżempji ta' hili</i></p>	<p>Il-kapaċità li wieħed iqabbel, jikkontrasta, u jintegra informazzjoni minn sorsi differenti rigward prezzijiet, kwalità, termini u kundizzjonijiet ta' xiri ta' oġġetti u servizzi</p> <p>Il-kapaċità li wieħed isib komunitajiet, netwerks u gruppi ta' midja soċjali rilevanti fejn konsumaturi jikkondividu opinjonijiet dwar oġġetti u servizzi</p> <p>Il-kapaċità li wieħed ikun jaf jivverifika l-affidabbiltà ta' bejjiegħa qabel ma jagħmel tranżazzjonijiet</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jaġġusta s-settings awtomatiċi għall-klassifikazzjoni ta' riżultati tat-tiftix fuq pjattaformi u portali</p> <p>Il-kapaċità li wieħed juża għodod tat-tqabbil tal-prezz online jew għodod li jqabblu l-kwalità u l-prezz</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jivvaluta l-valur tal-informazzjoni li tasal għand il-konsumatur abbażi ta' tiftix preċedenti jew żjarat permezz tar-reklamar dinamiku jew permezz ta' paġni tal-midja soċjali jew l-indirizz elettroniku</p>

⁵ <http://www.ecommerce-europe.eu/trustmark>

<p><i>Eżempji ta' attitudni</i></p>	<p>Li wieħed japprezza li t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar għażliet infurmati jimplika t-tqabbil ta' offerti minn fornituri differenti</p> <p>Li wieħed ikun kritiku fir-rigward tal-preżentazzjoni u l-attraenza allegata ta' offerti</p> <p>Li wieħed jagħti valur lill-possibbiltà li jieħu deċiżjonijiet dwar xiri b'attenzjoni u responsabbli</p> <p>L-evalwazzjoni kritika tal-affidabbiltà, l-imparzjalità u l-eżattezza tal-informazzjoni fuq is-siti web tat-tqabbil</p> <p>Ir-rikonoxximent li persuni għandhom it-tendenza li jagħżlu opzjonijiet awtomatiċi L-evalwazzjoni kritika ta' reviżjonijiet tal-utent u sistemi ta' klassifikazzjoni</p>
-------------------------------------	---

1.3 Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali u reklamar

Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni kritika ta' metodi u attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u reklamar differenti f'ambjenti diġitali Ir-rikonoxximent ta' kif ir-reklamar u l-komunikazzjoni kummerċjali jistgħu jinfluwenzaw l-għażliet tal-persuna bħala konsumatur

<p><i>Eżempji ta' għarfien</i></p>	<p>L-għarfien li l-għan tar-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni huwa li jidderieġu mill-ġdid l-attenzjoni u jistimulaw ix-xiri, li jista' jew jista' ma jkunx f'konformità mal-intenzjonijiet jew il-ħtiġijiet tal-persuna</p> <p>L-interpretazzjoni u l-analiżi tal-kummerċjalizzazzjoni u r-reklamar online biex wieħed jifhem jekk l-oġġetti/servizz għal bejgħ humiex f'konformità mal-interessi u l-ħtiġijiet tal-persuna</p> <p>Li wieħed jirrealizza li ċerti servizzi diġitali huma mingħajr ħlas minħabba li jinkludu jew jiffaċilitaw kummerċjalizzazzjoni u reklamar (eż. permezz tal-ġbir tad-data personali)</p> <p>L-għarfien dwar tekniki ta' reklamar moħbija (eż. meta kittieb ta' blogg jew awtur tal-midja soċjali jitħallas talli jkun kiteb reċensjoni)</p> <p>Il-fehim li xi entrati jew kummenti fuq il-midja soċjali u/jew valutazzjonijiet tal-konsumaturi jistgħu jkunu sponsorjati</p> <p>Ir-rikonoxximent, l-analiżi u l-interpretazzjoni ta' prattiki ta' kummerċjalizzazzjoni integrati f'ambjenti diġitali, eż. fuq siti web, f'logħob diġitali, chats, midja soċjali</p> <p>Li wieħed jirrealizza kif rekords diġitali (impronti) jistgħu jinġabru, jiġu maħżuna, analizzati, kummerċjalizzati u wżati għal finijiet kummerċjali</p> <p>L-għarfien dwar ipprezzar qatra qatra (drip pricing) u prattiki ta' spejjeż moħbija</p>
<p><i>Eżempji ta' ħiliet</i></p>	<p>Id-distinzjoni bejn messaġġi kummerċjali (eż. reklamar imħallas permezz tal-midja soċjali) u informazzjoni tal-konsumatur mhux preġudikata f'komunikazzjoni kummerċjali</p> <p>L-ivvalutar tal-affidabbiltà tal-informazzjoni li tingħata lill-utent (eż. reklamar permezz ta' indirizz elettroniku u midja soċjali)</p> <p>L-iskoperta ta' messaġġi kummerċjali mhux rikjesti u l-indikazzjoni tan-nuqqas ta' rieda li wieħed jirċievi dawn il-messaġġi</p> <p>L-eżerċitar tad-dritt ta' persuna li ma jiħux sehem f'kummerċjalizzazzjoni diretta</p>

<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed ikun kritiku lejn prattiki ta' reklamar u li wieħed ikun konxju li jistgħu jkunu qarrieqa u/jew moħbija</p> <p>L-adottar ta' attitudni kritika lejn reklamar immirat</p> <p>Li wieħed joqgħod attent meta jieħu deċiżjonijiet dwar xiri u jibbaża għażliet dwar xiri fuq informazzjoni lil hinn mir-reklamar</p>
------------------------------	---

1.4 Il-ġestjoni tal-identità u l-profil diġitali fis-suq diġitali

Il-fehim li l-profil tal-persuna bħala konsumatur diġitali jista' jinbena, jiġi modifikat, manipulat u sfruttat Il-ġestjoni tad-data li wieħed jiġġenera permezz ta' għodod u servizzi diġitali differenti Il-ħolqien u l-ġestjoni ta' identità diġitali waħda jew identitajiet diġitali multipli (eż. personali, professjonali) biex jiġu massimizzati l-benefiċċji tas-suq diġitali

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>Il-fehim tal-benefiċċji ta' identità diġitali waħda jew aktar, eż. professjonali, privata, bħala konsumatur</p> <p>L-għarfien li d-data tal-konsumatur tal-persuna - bħal xiri fil-passat, prodotti li jkun ra - jiġu analizzati għal finijiet kummerċjali</p> <p>L-għarfien li kumpaniji jużaw data tal-identità diġitali biex jimmiraw u jippersonalizzaw offerti b'mod aħjar</p> <p>L-għarfien dwar liema tip ta' data tiġi proċessata meta jintużaw ċerti servizzi (jiġifieri data tal-lokazzjoni ġeografika)</p> <p>L-għarfien li l-immirar kummerċjali huwa bbażat fuq l-għarfien li l-kumpaniji għandhom dwar l-identità diġitali tal-persuna (eż. permezz tar-rikonnoxximent tal-indirizzi IP, permezz tal-intraċċar tal-apparat, permezz tal-intraċċar tal-indirizz elettroniku/tal-kont)</p> <p>Li wieħed jirrealizza li f'diversi każijiet id-data tal-profil la hija portabbli u lanqas interoperabbli</p> <p>Li wieħed jirrealizza li l-kumpaniji jagħtu valur lill-identità diġitali tagħhom, li d-ditti tal-kumpaniji huma mibnija fuq ir-reputazzjoni diġitali tagħhom fost fatturi oħra</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>L-ikkontrollar u l-modifika kif xieraq tad-dettalji ta' tranżazzjoni qabel il-konferma ta' xiri</p> <p>Il-konstruzzjoni ta' profil wieħed jew profili multipli li jkunu ta' benefiċċju għall-ħtiġijiet ta' persuna bħala konsumatur, eż. billi jintużaw indirizzi elettroniċi differenti għal reġistrazzjoni ma' servizzi differenti</p> <p>L-intraċċar tal-impronta diġitali tal-persuna bħala konsumatur, eż. l-għarfien ta' kif wieħed jirrevedi u jimmaniġġja l-istorja tax-xiri jew l-interessi tal-ibbrawżjar tiegħu fi pjattaforma kummerċjali.</p> <p>Li wieħed jieħu vantaġġ mill-benefiċċji tal-bini tal-profil u r-reputazzjoni online tiegħu stess jiġifieri permezz ta' valutazzjonijiet pożittivi</p> <p>L-użu ta' għodod diġitali disponibbli għall-ġestjoni jew it-tħassir tal-profil tal-konsumatur</p> <p>L-użu ta' profili/identitajiet diġitali differenti biex jiġu kontrobalancjati l-effetti tal-ipprezzar dinamiku</p> <p>Il-ġestjoni ta' ismijiet tal-utent u passwords differenti li huma meħtieġa għal-log in f'servizzi diġitali differenti (b'applikazzjoni ta' password manager jew mingħajrha)</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed ikun kritiku lejn prattiki ta' intraċċar u jitlob id-dritt għal anonimità tiegħu</p>

1.5 Il-kunsiderazzjoni tal-konsum responsabbli u sostenibbli fis-swieq diġitali

Il-fehim ta' kif l-imġiba tal-persuna bħala konsumatur diġitali taffettwa l-komunità, is-soċjetà u l-ambjent. L-użu ta' teknoloġiji diġitali biex isiru għażliet soċjalment u ambjentalment responsabbli.

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>L-evalwazzjoni tal-effetti tal-imġiba tal-persuna bħala konsumatur diġitali fuq l-ambjent u l-impatti etiċi u soċjali tagħha</p> <p>L-għarfien li t-trasport tal-oġġetti mixtrija online għandu impatt</p>
-----------------------------	---

	<p>fuq l-ambjent</p> <p>Il-fehim dwar l-impatt ambjentali ta' kompjuters u tagħmir elettroniku u x'jista' jsir biex iservu aktar (eż. billi jinbidlu d-diski riġidi) jew jiġu riċiklati</p>
<i>Eżempji ta' hili</i>	<p>Il-kapaċità li wieħed juża għodod diġitali biex itejjeb l-impatt ambjentali u soċjali tal-imġiba tal-konsumatur tiegħu (eż. billi jfittex prodotti lokali, jfittex offerti kollettivi, eċċ.)</p> <p>Li wieħed japplika l-fehim tiegħu ta' konsum sostenibbli soċjalment responsabbli għax-xiri fis-suq diġitali</p> <p>L-għażla ta' mezzi diġitali li għandhom inqas impatt fuq il-pjaneta (eż. il-qari ta' gazzetta online minflok waħda stampata; il-kondiviżjoni, il-bejgħ mill-ġdid u r-riċiklar ta' oġġetti permezz ta' swieq diġitali P2P)</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>L-approvazzjoni ta' pożizzjonijiet sostenibbli fis-suq diġitali u l-appoġġ tagħhom (eż. l-appoġġ ta' produzzjoni sostenibbli u/jew konsum permezz ta' siti tan-netwerking soċjali)</p> <p>L-ippożizzjonar ta' persuna bħala konsumatur diġitali sostenibbli</p> <p>Li wieħed ikun kritiku dwar l-eċċessi tal-konsum jew il-produzzjoni u l-konsum mhux sostenibbli</p>

Qasam 2: Ix-xiri

L-azzjonijiet relatati max-xiri: ix-xiri, il-parteċipazzjoni fi pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva, il-ġestjoni ta' pagamenti, il-fehim tad-drittijiet tal-awtur, il-liċenzji u l-kuntratti għall-kontenut diġitali, il-protezzjoni tad-data u s-saħħa.

- 2.1 L-interazzjoni fis-suq diġitali għax-xiri u l-bejgħ
- 2.2 Il-parteċipazzjoni fi pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva
- 2.3 Il-ġestjoni ta' pagamenti u finanzi permezz ta' mezzi diġitali
- 2.4 Il-fehim ta' drittijiet tal-awtur, liċenzji, u kuntratti ta' oġġetti u servizzi diġitali
- 2.5 Il-ġestjoni tad-data personali u l-privatezza
- 2.6 Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà

2.1 L-interazzjoni fis-suq diġitali għax-xiri u l-bejgħ

L-użu ta' swieq diġitali għax-xiri u l-bejgħ ta' oġġetti u servizzi

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>L-għarfien dwar l-opportunitajiet u r-riskji tal-bejgħ ta' oġġetti u servizzi fi swieq diġitali</p> <p>L-għarfien li, fis-suq diġitali, oġġetti u servizzi jistgħu jinxtaw jew jinbiegħu jew permezz ta' tranżazzjonijiet kummerċjali jew permezz ta' tranżazzjonijiet bejn il-konsumaturi</p> <p>L-għarfien dwar oġġetti tanġibbli (jiġifieri daww l-oġġetti li għandhom natura fiżika) u oġġetti intanġibbli (jiġifieri oġġetti virtwali jew diġitali)</p> <p>L-għarfien li, fl-UE, preżżijiet għal oġġetti u servizzi offruti għall-bejgħ online jridu jinkludu l-VAT</p> <p>L-għarfien li, fl-UE, kaxxi ttikkjati minn qabel għax-xiri ta' servizzi addizzjonali huma pprojbiti</p> <p>Il-fehim tar-regoli differenti li japplikaw meta wieħed jixtri online minn kumpanija jew minn persuna privata (jiġifieri tranżazzjonijiet bejn</p>
-----------------------------	--

	<p>il-konsumaturi)</p> <p>L-għarfien li, fl-UE, hemm dritt tal-irtirar ta' 14-il ġurnata meta wieħed jixtri online minn negozjant</p> <p>L-għarfien dwar kif wieħed għandu jikkontrolla jekk negozjant huwiex ibbażat fil-pajjiż tiegħu stess, fl-UE jew x'imkien ieħor</p> <p>L-għarfien li l-internet jagħti aċċess lis-suq globali u li regoli li japplikaw (pereżempju, għal prodotti u servizzi li huma pprojbti) jistgħu jkunu differenti skont il-pajjiż.</p> <p>L-għarfien li drittijiet tal-konsumatur online tal-UE japplikaw ukoll għal xiri online minn negozjant barra mill-UE jekk jidderieġu l-attivitajiet tagħhom lejn konsumaturi tal-UE</p> <p>L-għarfien dwar kif wieħed għandu jikkanċella xiri online</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>Il-kapaċità li wieħed ibiġh oġġetti permezz ta' swieq diġitali (eż. eBay)</p> <p>L-ikkontrollar ta' jekk pjattaformi li jiffaċilitaw bejgħ minn parti terza jirrifjutawx jew jaċċettawx responsabbiltà (limitata) għal tranżazzjonijiet konklużi ma' pajjiżi terzi</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jikkuntattja bejjiegħa u fornituri ta' servizzi permezz ta' mezzi diġitali differenti (eż. indirizz elettroniku, forum, chats) u jinteraġixxi skont il-ħtiġijiet tiegħu stess</p> <p>Il-kapaċità li wieħed ikun jista' juża applikazzjonijiet mobbli li jimmaniġġjaw il-passwords b'mod sikur</p> <p>L-ikkontrollar li d-deskrizzjoni u l-istampi ta' prodott/servizz jikkorrispondu u huma eżawrjenti.</p> <p>L-ikkontrollar jekk pjattaformi li jiffaċilitaw il-bejgħ minn parti terza (eż. eBay) jirrifjutawx jew jaċċettawx responsabbiltà (limitata) għal tranżazzjonijiet konklużi ma' partijiet terzi</p> <p>L-ikkontrollar li l-ebda servizzi addizzjonali mhux mixtieqa ma huma inklużi qabel ma jiġi kkonfermat xiri</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>It-teħid ta' attitudni attiva fl-ikkuntattjar ta' bejjiegħa u fornituri ta' servizzi fl-istadji differenti tax-xiri</p> <p>It-tibdil b'mod proattiv ta' passwords għal kontijiet tal-kummerċ elettroniku</p>

2.2 Il-parteciġazzjoni f'P2P u pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva

Il-fehim u l-parteciġazzjoni fi pjattaformi tal-ekonomija kondiviża jew kollaborattiva. L-involvement fi Prattiki tal-mikrobejgħ (P2P). Ir-rikonoxximent ta' mudelli ta' kummerċ diġitali differenti u ġodda.

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>L-għarfien dwar pjattaformi bejn il-pari (P2P), u tal-ekonomija kondiviża u kollaborattiva għal bejgħ (mill-ġdid), skambju u kiri ta' oġġetti u servizzi</p> <p>Il-fehim tar-riskji u l-opportunitajiet tal-użu tal-pjattaformi tal-ekonomija kollaborattiva</p> <p>L-għarfien li meta wieħed jixtri oġġetti u servizzi minn persuni privati jew pari online, id-drittijiet tiegħu huma differenti minn meta jixtri online minn negozjant (eż. id-dritt li jikkanċella xiri)</p> <p>L-għarfien li jista' jkun hemm kwistjonijiet legali u fiskali meta jinbiegħu oġġetti u servizzi jew meta jinkrew kmamar, appartamenti jew djar permezz ta' pjattaformi online</p> <p>L-għarfien li l-bejgħ regolari, il-kiri regolari eċċ. permezz ta' pjattaformi online bi skop ta' qligħ jistgħu jitqiesu bħala attività professjonali li trid tiġi ddikjarata lill-awtoritajiet fiskali u hija soġġetta għal regolamentazzjoni settorjali</p> <p>L-għarfien li (f'ċerti pajjiżi) jeżisti statut legali speċjali għal</p>
-----------------------------	---

	<p>intraprendituri żgħar</p> <p>L-għarfien li ċerti pjattaformi online se jipprovdu assistenza u assigurazzjoni fil-każ ta' problemi bi tranżazzjoni bejn il-pari</p> <p>L-għarfien dwar kif wieħed jagħmel distinzjoni bejn finanzjament kollettiv (crowdfunding) u pjattaformi kollaborattivi oħra li jiffaċilitaw rigali jew skambji minn dawk li jiffaċilitaw il-bejgħ/il-kiri jew l-investment</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>Il-kapaċità li wieħed jivvaluta l-affidabbiltà ta' pjattaforma P2P, kollaborattiva jew kondiviża</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jivverifika l-affidabbiltà tal-bejjiegħa u l-offerti fuq pjattaformi online, eż. billi juża sistemi ta' klassifikazzjoni u valutazzjonijiet tal-utenti</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jivvaluta jekk il-valutazzjonijiet tal-utenti humiex validi u argumentati sew, u biżżejjed biex jiġġeneraw fiduċja</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jivverifika kwalunkwe regoli u obbligi applikabbli għall-attività tiegħu fuq pjattaformi P2P</p> <p>Il-kapaċità li wieħed ifittex u jsib pjattaformi P2P lokali, nazzjonali u internazzjonali li jwiegħbu għall-ħtiġijiet tiegħu</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jikkomunika ma' pari oħra fuq pjattaformi P2P dwar dettalji ta' tranżazzjonijiet</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jippreżenta offerti b'mod korrett u bi prezzijiet ċari, inklużi spejjeż ta' pagament, konsenja u tariffi tal-pjattaforma</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>L-evalwazzjoni kritika tal-opportunitajiet u l-kosteffettività tal-ekonomija bejn il-pari, u anke r-riskji tagħha</p> <p>L-ikkontrollar proattiv tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet applikabbli meta jiġu involuti pjattaformi P2P, jew tal-ekonomija kollaborattiva jew ta' kondiviżjoni</p>

2.3 Il-ġestjoni ta' pagamenti u finanzi permezz ta' mezzi diġitali

Li wieħed jagħmel pagamenti diġitali b'mod sikur u juża servizzi finanzjarji. L-użu ta' teknoloġiji diġitali biex wieħed iżomm kont u jimmaniġġja l-baġit personali tiegħu.

<p><i>Eżempji ta' għarfien</i></p>	<p>L-għarfien li mezzi diġitali, inklużi tablets, kompjuters, smartphones, jippermettu aċċess għall-kont tal-bank u servizzi tal-pagamenti fi kwalunkwe ħin, fi kwalunkwe post</p> <p>L-għarfien li jista' jsir ħlas għal servizzi u oġġetti permezz ta' mezzi diġitali (eż. telefon ċellulari, smartphone)</p> <p>L-għarfien dwar kif jaħdmu s-servizzi tal-kartiera diġitali</p> <p>L-għarfien dwar ir-riskju relatat mal-użu ta' servizzi finanzjarji diġitali</p> <p>L-għarfien tal-importanza tas-salvagwardja ta' passwords, numri tal-identifikazzjoni personali, eċċ.</p> <p>L-għarfien li sistemi għall-awtentikazzjoni ta' pagament online (eż. kodiċi permezz ta' SMS) joffru livell ogħla ta' sigurtà</p> <p>L-għarfien li, f'pagamenti online, wieħed qatt ma għandu jagħti l-kodiċi PIN b'erba' numri ta' karta ta' debitu/ta' pagament/ta' kreditu, li jintuża għall-ġbid ta' flus jew għal pagament fi ħwienet offline</p> <p>L-għarfien li ma għandux jintbagħat b'mod elettroniku l-iskennjar ta' karti tal-kreditu jew kards tal-bank</p> <p>L-għarfien li l-ammont tax-xiri jista' jittieħed mill-kont tal-persuna immedjatament fil-ħin tax-xiri, anke jekk il-konsenja sseħħ aktar tard, sakemm mhux indikat mod ieħor mill-bejjiegħ</p> <p>L-għarfien li s-software tas-sigurtà għandu jiġi installat fuq apparat li jiżgura pagamenti online</p>
------------------------------------	--

<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>Il-kapaċità li wieħed jaċċessa apparat (eż. għodod ta' awtentikazzjoni) u jużaw servizzi finanzjarji diġitali (eż. servizzi bankarji, PayPal) b'mod sikur</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jagħraf attakki ta' phishing jew pharming fuq servizzi bankarji online</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jidentifika jekk pagamenti online humiex siguri u kriptati billi jiċċekkja l-ispazju tal-indirizz / URL għal "https" minflok "http" u s-sinjali ta' sigurtà ta' katnazz magħluq</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jifida pagament fil-każ ta' użu frawdolenti ta' karta ta' pagament/ta' kreditu online u jikseb rimborż</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jagħraf jekk pagament jinvolvi xiri ripetut awtomatiku ta' oġġetti jew tiġdid awtomatiku ta' kuntratt jew abbonament</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>L-evalwazzjoni kritika ta' tipi differenti ta' miżuri ta' sigurtà użati fi tranżazzjonijiet diġitali u l-għoti ta' importanza lis-sigurtà (eż. iż-żamma b'mod sikur ta' numri tal-identifikazzjoni personali, passwords)</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jagħraf il-benefiċċji u r-riskji tal-ġestjoni ta' finanzi u tranżazzjonijiet finanzjarji permezz ta' mezzi diġitali</p>

2.4 Il-fehim ta' drittijiet tal-awtur, liċenzji, u kuntratti ta' oġġetti u servizzi diġitali

Li wieħed jifhem u jaġixxi fir-rigward ta' drittijiet u responsabbiltajiet relatati ma' kontenut diġitali, oġġetti u servizzi.

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>L-għarfien li xi kontenut diġitali (mużika, films, kotba, eċċ.) huma disponibbli mingħajr ħlas u oħrajn jistgħu jinxtrow</p> <p>L-għarfien li l-kontenut diġitali (mużika, films, kotba, eċċ.) jista' jkun soġġett għad-drittijiet tal-awtur u li t-tniżil ta' materjal bid-drittijiet tal-awtur mingħajr permess huwa illegali</p> <p>L-għarfien li huwa illegali li wieħed itella' u jikkondividi ċertu kontenut bħal mużika</p> <p>L-għarfien li l-kondiviżjoni ta' kontenut imniżel b'mod illegali ma' oħrajn jista' jwassal għal sanzjonijiet legali</p> <p>L-għarfien li mhuwiex possibbli li wieħed jikkancela x-xiri tal-kontenut diġitali ladarba jkun tniżel</p> <p>L-għarfien dwar liema liċenzji japplikaw għall-oġġetti u s-servizzi li wieħed ikun interessat fihom</p> <p>L-għarfien li l-parti l-kbira tas-software tintuża taħt liċenzji, li jeħtieġ li jiġġeddu ladarba jiskadu l-perjodi tal-liċenzji</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jagħraf li l-istreaming u t-tniżil ta' films, shows, kotba minn siti web pirati huwa illegali</p> <p>L-għarfien li xi kontenut (mużika, films, kotba, eċċ.) jista' ma jkunx aċċessibbli minħabba fil-lokazzjoni tal-persuna (jiġifieri l-implukkar ġeografiku)</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>Il-kapaċità li wieħed jikkontrolla liema siti joffru tniżil jew streaming illegali</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jagħżel materjal legali għat-tniżil jew biex itella' fuq l-Internet</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jikkontrolla u jifhem id-dritt li juża jew jerġa' juża kontenut diġitali u oġġetti li jkun xtara</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed jirrispetta t-termini tad-drittijiet tal-awtur u tal-kuntratt u juża distributuri uffiċjali għat-tniżil tal-films, il-mużika, il-kotba</p> <p>L-ippeżar tal-benefiċċji tat-tniżil illegali kontra r-riskji (eż. vajrusis, sanzjonijiet)</p>

2.5 Il-ġestjoni tad-data personali u l-privatezza

Il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza fis-suq diġitali. Il-fehim ta' kif wieħed jikkondividi informazzjoni personali identifikabbli filwaqt li jipproteġi lilu nnifsu u oħrajn minn riskji. L-għarfien li servizzi diġitali jipprovdu "politika dwar il-privatezza" biex wieħed jiġi infurmat kif tintuża d-data personali u jaġixxi dwar din l-informazzjoni.

Eżempji ta' għarfien

L-għarfien li kull darba li wieħed imur online, wieħed jikkondividi informazzjoni u data dwaru nnifsu, l-interessi tax-xiri tiegħu u l-imġiba tiegħu mal-magni tat-tiftix, il-midja soċjali u/jew is-siti li wieħed iżur

L-għarfien li mhuwiex faċli li jitħassru data jew informazzjoni personali wara li jkunu ġew kondiviżi, jew li jiġu trasferiti lil fornitur ta' servizz ieħor

Il-fehim li l-ikklikkjar "Naċċetta" għal "Politika dwar il-privatezza" jista' jfisser li wieħed jaqbel li d-data personali tiegħu tista' tinbiegħ lil partijiet terzi

L-għarfien dwar liema miżuri jridu jittieħdu biex titħares u tiġi mmaniġġjata d-data personali u l-privatezza biex tiġi evitata l-frodi

Il-fehim li jsiru preżunzjonijiet dwar imġiba u interessi tax-xiri abbażi ta' pproċessar awtomizzat tad-data (it-tfassil tal-profil)

Li wieħed ikun jaf fejn għandu jmur u lil min għandu jkellew meta wieħed ikun ikkonċernat dwar l-użu tad-data personali

L-għarfien li d-data personali tinġabar, tiġi pproċessata u tinħażen ukoll barra mill-UE, u li f'xi każijiet jistgħu japplikaw regoli differenti dwar il-protezzjoni tad-data

Li wieħed ikun jaf kif tintuża d-data personali minn partijiet terzi

L-għarfien li d-data personali tista' tinbiegħ u tintuża minn partijiet terzi għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mmirata

L-għarfien li fis-suq diġitali xi oġġetti u servizzi jistgħu jiġu akkwistati "mingħajr ħlas" bi skambju għad-data personali tal-persuna, u r-realizzazzjoni tal-implikazzjonijiet ta' dawn l-iskambji

Eżempji ta' ħiliet

Ir-reviżjoni ta' politiki dwar il-privatezza u l-identifikar tat-termini ewlenin dwar l-użu tad-data personali

L-identifikazzjoni tat-termini tal-politika dwar il-privatezza li huma theddida għall-privatezza tad-data

L-ikkontrollar tal-politiki dwar il-privatezza biex jiġi verifikat liema data personali tinbiegħ jew tiġi trasferita lill-partijiet terzi

Il-kapaċità li wieħed ibiddel is-settings tal-privatezza fuq il-midja soċjali

L-ikkontrollar ta' liema regoli dwar il-protezzjoni tad-data japplikaw u l-użu tad-drittijiet tal-persuna biex tiġi aċċessata, modifikata u mrażżna d-data personali

Il-kapaċità li wieħed jaċċessa u jimmodifika jew jitlob it-tħassir tad-data personali mogħtija lil bejjiegħ

L-għarfien dwar kif wieħed jitlob id-dritt li jkun minsi⁶

L-ivverifikar tal-livell ta' sigurtà offrut minn pjattaformi ta' kummerċ elettroniku, siti jew applikazzjonijiet mobbli u servizzi diġitali (mingħajr ħlas)

L-issettjar ta' għodod tat-tisħiħ tal-privatezza biex tiġi protetta l-privatezza tal-informazzjoni personalment identifikabbli tal-persuna

L-ippeżar tal-benefiċċji u r-riskji meta / kif tiġi kondiviża d-data f'ambjenti diġitali

⁶ http://ec.europa.eu/justice/data-protection/files/factsheets/factsheet_data_protection_en.pdf

<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed ikun responsabbli għall-protezzjoni tad-data personali tiegħu u ta' oħrajn meta jixtri online</p> <p>Li wieħed jagħti valur lill-protezzjoni tad-data personali meta jixtri online L-ippeżar tal-benefiċċji tal-kondiviżjoni tad-data personali u tal-konsumatur (eż. li wieħed jirċievi suġġerimenti personalizzati, formoli awtokompluti)</p>
------------------------------	--

2.6 Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà

Il-fehim u l-evitar tar-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fiżiċi u psikoloġiċi relatati mal-informazzjoni, l-oġġetti u s-servizzi fis-suq diġitali

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>Il-fehim li l-imġiba tax-xiri online jista' jkollha aspetti addittivi</p> <p>L-għarfien li meta wieħed jixtri prodotti online, speċjalment min siti jew applikazzjonijiet mobbli tal-kummerċ elettroniku li jinstabu barra mill-UE/ŻEE, huwa rakkomandabbli li wieħed jikkontrolla darbtejn jekk il-prodott jikkonformax mal-istandards tas-sikurezza tal-UE jew huwiex ipprojbit fl-UE</p> <p>L-għarfien li parir mediku online jista' ma jkunx affidabbli jew sponsorjat minn produtture/bejjiegħa ta' prodotti mediċi jew paramediċi</p> <p>L-għarfien li meta wieħed jixtri prodotti mediċi online, il-logo tal-UE għall-bejgħ online ta' mediċini jindika li s-sit jew l-app qed jopera legalment u mhux qed ibigħ prodotti ffalsifikati u illegali</p> <p>L-għarfien li prodotti wżati mixtrija, mikrija jew mislufa minn konsumaturi online oħra mhumiex soġġetti għal regoli dwar is-sigurtà tal-prodott</p>
<i>Eżempji ta' hili</i>	<p>Li wieħed jikkontrolla jekk prodott kienx soġġett għal sejħa lura jew miżuri restrittivi oħra fuq sit web tal-RAPEX⁷ u/jew portal tal-OECD dwar sejħiet lura ta' prodotti⁸</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed jassumi responsabbiltà għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà personali meta jixtri fis-suq diġitali</p> <p>L-evalwazzjoni kritika tal-effetti li l-kummerċjalizzazzjoni diġitali u integrata fil-midja jista' jkollha fuq il-benessri</p> <p>Li wieħed ikun viġilanti rigward l-imġiba tax-xiri tiegħu u jevalwa r-riskju ta' xiri diġitali dipendenti</p>

Qasam 3: Wara x-xiri

Azzjonijiet meħuda wara x-xiri: il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur, l-aġġornament tal-kompetenzi tal-konsumatur diġitali

- 3.1 Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' konsumaturi oħra fis-suq diġitali
- 3.2 Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi fis-suq diġitali
- 3.3 L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-limiti tal-kompetenza tal-konsumatur diġitali

⁷ http://ec.europa.eu/consumers/consumers_safety/safety_products/rapex/index_en.htm/

⁸ <http://globalrecalls.oecd.org/>

3.1 Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' konsumaturi oħra fis-suq diġitali

Il-kondiviżjoni ta' valutazzjonijiet, għarfien, parir u esperjenzi fis-suq diġitali.

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>L-għarfien dwar siti web li joffru parir lill-utenti dwar prodotti u servizzi u fehim li l-affidabbiltà tagħhom tista' tvarja</p> <p>Il-fehim li l-informazzjoni tista' tiġi kondiviża b'mod anonimu jew permezz ta' profili</p> <p>Li wieħed ikun jaf kif isib siti, komunitajiet u gruppi ta' midja soċjali fejn konsumaturi jgħinu lil xulxin isolvu problemi dwar prodotti u servizzi</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>L-evalwazzjoni tal-informazzjoni li l-pari qed jikkondividu b'mod diġitali dwar oġġetti u servizzi.</p> <p>L-iġġudikar tal-valur tal-kontenut li jrid jiġi kondiviż u l-udjenza fil-mira ma min irid jiġi kondiviż</p> <p>Il-kondiviżjoni ta' esperjenzi ma' konsumaturi oħra fuq midja soċjali u pjattaformi diġitali</p> <p>L-għoti ta' parir lil konsumaturi oħra permezz tal-midja soċjali, il-fora tad-diskussjoni, klassifikazzjoni online, eċċ.</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed ikun attiv fil-kondiviżjoni tal-opinjoni tiegħu rigward prodotti u servizzi</p> <p>L-ippeżar tal-benefiċċji u l-fallimenti ta' esperjenzi u valutazzjonijiet kondiviżi minn konsumaturi oħra</p>

3.2 Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi tal-individwu fis-suq diġitali

L-għarfien tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-persuna bħala konsumaturi diġitali. Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-persuna wara li jitwettaq xiri u l-għarfien ta' kif jiġu solvuti problemi u tilwim.

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>L-għarfien li ħafna regoli u drittijiet bażiċi tal-protezzjoni tal-konsumatur diġitali huma simili fil-pajjiżi kollha tal-UE, iżda jistgħu jkunu differenti (ħafna) x'imkien ieħor</p> <p>L-għarfien dwar id-drittijiet speċifiċi tal-konsumatur li japplikaw għal xiri online biss</p> <p>L-għarfien ta' kif wieħed isib għajjnuna biex isolvi tilwim u problemi ta' wara x-xiri</p> <p>Li wieħed ikun konxju dwar id-dritt tiegħu li jkun minsi⁹</p> <p>Li wieħed ikun konxju dwar id-dritt tiegħu li jikkancelła xiri online tal-parti l-kbira tal-oġġetti fi żmien 14-il ġurnata mill-konsenja u jiġi rimborżat mingħajr ġustifikazzjoni</p> <p>L-għarfien tal-eċċezzjonijiet ewlenin għad-dritt li wieħed jikkancelła xiri (ikel, prodotti mfassla apposta, CD, DVD u softwer mhux ippakkjati, prodotti iġġenici u tas-saħħa miftuħa, prodotti tal-ivvjaġġar bħal lukandi u biljetti)</p> <p>Ir-rikonoxximent tal-importanza li jiġu aċċettati t-termini u l-kundizzjonijiet relatati ma' xiri u tranżazzjonijiet diġitali fi swieq u pjattaformi diġitali, u l-konsegwenzi li dan jista' jkollu</p> <p>L-għarfien li l-opzjonijiet ta' rimedju barra mill-qorti online (Soluzzjoni Online għat-Tilwim) jeżistu jekk ikun hemm problemi bi tranżazzjoni online</p> <p>L-għarfien li jeżistu tipi differenti ta' rimedju</p>
-----------------------------	--

9 http://ec.europa.eu/justice/data-protection/files/factsheets/factsheet_data_protection_en.pdf

	<p>ġurnata mix-xiri jekk kienet essenzjali konsenja fil-ħin, jew jekk dewmien addizzjonali raġonevoli ma ġiex irrispettat</p> <p>L-għarfien li japplikaw drittijiet u responsabbiltajiet meta wieħed jixtri online minn negozjant, u mhumiex l-istess meta wieħed jixtri minn ċittadini privati</p> <p>Li wieħed jirrealizza li jista' jippreżenta lment mal-awtoritajiet biex isolvi tilwim ma' negozjant</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>Is-sejba ta' parir indipendenti dwar drittijiet tal-konsumatur diġitali u rimedju</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jippreżenta formola biex jikkancelła xiri online jew jikteb ittra elettronika biex jikkancelła xiri</p> <p>L-użu ta' mezzi differenti biex jiġu ddikjarati drittijiet wara xiri online, kemm jekk online kif ukoll offline</p> <p>L-eżerċitar tad-drittijiet tal-konsumatur f'sitwazzjonijiet prattiċi</p> <p>Is-sejba ta' informazzjoni u/jew pjattaformi diġitali għal rimedju u drittijiet tal-konsumatur</p> <p>L-ikkontrollar ta' konsenji ta' xiri online qabel l-iffirmar għal irċevuta</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed ikun motivat biex jiddikjara d-drittijiet tal-konsumatur tiegħu u jippreżenta lment jekk ikun meħtieġ</p> <p>Li wieħed ikun kunfidenti fit-teħid ta' azzjoni ma' servizzi ta' wara l-bejgħ jekk xiri online ma jkunx kif mixtieq</p>

3.3 L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-limiti tal-kompetenza tal-konsumaturi diġitali

L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-limiti tal-kompetenzi tal-konsumaturi diġitali tal-persuna. Li wieħed jinżamm aġġornat dwar l-iżviluppi fis-suq diġitali li għandhom influwenza fuq l-opportunitajiet u r-riskji tiegħu bħala konsumatur diġitali.

<i>Eżempji ta' għarfien</i>	<p>Il-fehim u l-evalwazzjoni tal-opportunitajiet u r-riskji li t-teknoloġija toffri lill-konsumaturi</p> <p>Il-fehim li l-għarfien li wieħed ikollu tad-dominju diġitali bħala konsumatur jista' jkun limitat u li r-regoli tas-suq diġitali jevolvu b'mod rapidu</p> <p>Il-fehim tal-ħtieġa li wieħed jaġġorna l-kompetenza diġitali tiegħu biex jibbenefika l-aktar mill-opportunitajiet offruti mis-suq diġitali</p>
<i>Eżempji ta' ħiliet</i>	<p>L-ipproċessar tal-ħiliet biex jiġi aġġornat l-għarfien tal-persuna dwar ix-xiri u l-bejgħ ta' possibbiltajiet offruti minn teknoloġiji diġitali</p> <p>Il-kapaċità li wieħed jadatta prattiki tajba tas-suq diġitali</p>
<i>Eżempji ta' attitudni</i>	<p>Li wieħed ikun kunfidenti u lest li jesperimenta b'għodod diġitali u prattiki diġitali ġodda li jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-esperjenza tax-xiri diġitali tiegħu</p> <p>Li wieħed isegwi żviluppi teknoloġiċi u jkun viġilanti fir-rigward tal-benefiċċji u r-riskji li jiffaċċja bħala konsumatur</p>

III. Użi possibbli ta' DigCompConsumers

Din it-taqsimha tagħti l-ewwel ideat għal użi possibbli tal-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi fil-livell nazzjonali u internazzjonali. Iż-żewġ kategoriji ewlenin tal-użu huma l-formulazzjoni u l-appoġġ tal-politika, u l-ippjanar struzzjonali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg, inklużi użi ta' valutazzjoni u ċertifikazzjoni.

III.I Formulazzjoni u appoġġ tal-politika

Fir-riċerka tal-politika tal-konsumatur, il-Qafas jista' jintuża għall-valutazzjoni komparattiva tal-livell attwali ta' kompetenzi ta' diversi gruppi tal-popolazzjoni permezz ta' sħarriġ jew esperimenti tal-imġiba. L-oġġetti tal-għarfien u l-ħiliet, pereżempju, jistgħu jintużaw għall-abbozzar tal-kwestjonarji tal-istħarriġ. Din id-data tista' tappoġġa l-iżvilupp tal-politika tal-konsumatur, biex tgħin fl-evalwazzjoni tal-impatt ta' tipi differenti ta' miżuri fuq il-konsumaturi inġenerali, jew b'mod partikolari fuq gruppi ta' konsumaturi speċifiċi, u biex ikompli jiġu żviluppati l-kunċetti tal-konsumatur vulnerabbli u l-konsumatur medju.

Kemm tipi ta' riċerka akkademika kif ukoll politika jistgħu jintużaw ukoll biex tinħoloq bażi ta' evidenza għall-edukazzjoni tal-konsumatur, pereżempju biex jiġu żviluppati indikaturi biex titkejje l-ħtieġa għal u l-impatt tal-isforzi tal-edukazzjoni tal-konsumatur. L-assenza ta' din it-tip ta' data għet identifikata bħala waħda mill-ostakoli ewlenin għall-iżvilupp tal-edukazzjoni tal-konsumatur mill-OECD u fil-livell nazzjonali.

Fil-livell nazzjonali, il-Qafas jista' jsir strument utli għall-iżvilupp ta' djalogu bejn ministeri tal-politika tal-konsumatur u tal-edukazzjoni dwar l-inkorporazzjoni ta' edukazzjoni dwar il-konsumaturi diġitali fil-kurrikuli tal-iskejjel u l-edukazzjoni tal-adulti. L-istrateġiji tal-politika tal-konsumatur nazzjonali u l-politiki tal-edukazzjoni tal-konsumatur jistgħu jużaw il-Qafas bil-għan li tiġi aġġornata u titwettaq l-analiżi tad-diskrepanzi.

III.II Ippjanar u Valutazzjoni Struzzjonali

Il-Qafas jista' jintuża għall-ippjanar struzzjonali minn istituti u universitajiet tat-taħriġ tal-għalliema u universitajiet, minn organizzazzjonijiet edukattivi privati u pubbliċi u minn għalliema individwali.

Il-Qafas jista' jintużaw wkoll minn pjattaformi tal-edukazzjoni tal-konsumaturi fuq livell nazzjonali u tal-UE għall-klassifikazzjoni ta' materjali għat-tagħlim eżistenti, għall-identifikazzjoni ta' diskrepanzi f'materjali rigward kompetenzi diġitali, jew bħala gwida għall-għalliema.

Barra minn hekk, il-Qafas jista' jifforma l-bażi għall-iżvilupp tal-għodod ta' valutazzjoni, jew għal finijiet tal-awtovalutazzjoni jew għall-kompetenzi tal-ittestjar f'ambjent edukattiv jew tat-taħriġ.

IV. Konklużjonijiet

Din hija l-pubblikazzjoni tax-"Xjenza għall-Politika" tal-qafas ta' referenza tal-Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi DigCompConsumers. Tiddekrivi 14-il kompetenza li huma raggruppati fi tliet oqsma differenti: qabel ix-xiri, ix-xiri u wara ix-xiri. Il-qafas jispjega kull kompetenza b'eżempji konkreti f'termini ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi.

L-objettiv globali tal-Qafas huwa li jsaħħaħ il-kunfidenza tal-konsumaturi fix-xiri u l-bejgħ diġitali, biex ikun possibbli li l-konsumaturi jkollhom rwol attiv u assertiv fis-sug diġitali.

B'dawn l-objettivi, il-Qafas huwa maħsub bħala mudell kunċettwali u ta' referenza. Mhuwiex maħsub li l-eżempji tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li jingħataw għal kull kompetenza jkunu eżawrjenti. Huma maħsuba bħala sors ta' ispirazzjoni għal adattament lokali, jew għal adattament għal grupp fil-mira jew għan speċifiku.

Il-qafas DigCompConsumers jista' jirrikjedi aktar aġġornament għal żewġ raġunijiet ewlenin: l-ewwel minħabba li l-kompetenza diġitali trid tevolvi minħabba li t-teknoloġiji u l-prattiki jinbidlu; u t-tieni minħabba li l-qafas għadu teoretiku u kunċettwali, u jeħtieġ li jiġi ttestjat fil-prattika.

L-implimentazzjoni u l-użu prattiku tiegħu se jiżvelaw l-utilità, l-adattamenti meħtieġa u l-ħtieġa għall-iżvilupp tal-livell tal-profiċjenza għal finijiet speċifiċi. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li t-tagħlim jew il-kisba tal-profiċjenza mhux dejjem isseħħu b'mod lineari, dawn il-livelli ta' profiċjenza jistgħu joffru modi kif jiġu ddefiniti l-passi tal-progressjoni. L-ewwel proposti għal użi u livelli ta' profiċjenza possibbli huma ppubblikati bħala parti mir-rapport DigCompConsumers sħiħ disponibbli mid-DĠ Ġustizzja u Konsumaturi¹⁰ u jista' jkompli jiġi elaborat fid-dawl tal-użu prattiku magħmul mill-qafas.

¹⁰ fuq http://ec.europa.eu/justice/index_en.htm

Referenzi

- Bacigalupo, M., Kampylis, P., Punie, Y., & Brande, G. V. den. (2016). *EntreComp: The entrepreneurship Competence Framework*. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea. Miksuba minn <http://dx.publications.europa.eu/10.2791/593884>
- Boston Consulting Group. (2012). *The Value of Our Digital Identity* (Liberty Global, Policy Series). Miksuba minn <http://www.libertyglobal.com/PDF/public-policy/The-Value-of-Our-Digital-Identity.pdf>
- Kummissjoni Ewropea. (2006). Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (Nru ĠU L 394, 30.12.2006) (p.10–18). Miksuba minn <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=celex:32006H0962>
- il-Kummissjoni Ewropea. (2011). *Consumer Empowerment in the EU (Għoti tas-setgħa lill-Konsumatur fl-UE)*. Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni. SEC(2011) 469 finali. Miksuba minn http://ec.europa.eu/consumers/consumer_empowerment/docs/swd_consumer_empowerment_eu_en.pdf
- il-Kummissjoni Ewropea. (2015a). *Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa* (Komunikazzjoni Nru/* COM/2015/0192 finali */). Miksuba minn <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52015DC0192>
- il-Kummissjoni Ewropea. (2015b). *A Digital Single Market Strategy for Europe - Analysis and Evidence* (Strateġija tas-Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa — Analiżi u Evidenza) (Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni). Miksuba minn <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/?uri=CELEX%3A52015SC0100>
- il-Kummissjoni Ewropea. (2016). "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa - Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (Komunikazzjoni Nru COM/2016/0381 finali).
- Fielder, A., Vuorikari, R., Rodríguez-Priego, N., & Punie, Y. (2016). *Background Review for the Development of the Digital Competence Framework for Consumers* (Eżami fl-isfond għall-Iżvilupp tal-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi). Rapport Tekniku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea. EUR 28196.
- I-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni. (2015). *ICT Facts Figures 2015* (Fatti u Ċifri tal-ICT 2015). Miksuba minn <http://www.itu.int/en/ITU-D/Statistics/Documents/facts/ICTFactsFigures2015.pdf>
- Kampylis, P., Punie, Y., & Devine, J. (2015). *Promoting effective digital-age learning: a European framework for digitally-competent educational organisations. (Il-promozzjoni ta' tagħlim effettiv fl-era diġitali: qafas Ewropew għal organizzazzjonijiet edukattivi diġitalment kompetenti.)* Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea. Miksuba minn <http://bookshop.europa.eu/uri?target=EUB:NOTICE:LFNA27599:MT:HTML>
- Kunsill Nordiku tal-Ministri. (2009). *Teaching consumer competences - a strategy for consumer education: proposals of objectives and content of consumer education* (It-tagħlim tal-kompetenzi tal-konsumaturi - strateġija għall-edukazzjoni tal-konsumaturi: proposti ta' objettivi u kontenut tal-edukazzjoni tal-konsumaturi). Kbh.: Nordisk Ministerråd : Nordisk Råd : www.norden.org/order.
- Grupp ta' Ħidma għall-Edukazzjoni tal-Konsumatur Nordiku-Estonjan. (2010). *Teaching consumer competences- a strategy for consumer education*.

Proposals of objectives and content of consumer education (It-tagħlim tal-kompetenzi tal-konsumaturi - strateġija għall-edukazzjoni tal-konsumaturi: proposti ta' objettivi u kontenut tal-edukazzjoni tal-konsumaturi) (Nru TemaNord 2010:568). Miksuba minn http://www.kkv.fi/globalassets/kkv-suomi/opettajalle/julkaisut/en/temanord-2010568_with-the-appendix_final.pdf

OECD. (2016). OECD Recommendation of the Council on Consumer Protection in E-Commerce (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur fil-Kummerċ Elettroniku). Pariġi: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi Miksuba minn <http://www.oecd-ilibrary.org/content/book/9789264255258-en>

Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għall-Konsumaturi. (li ġej). Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea.

UNCSD. (1994). Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli, Oslo.

Vuorikari, R., Punie, Y., Carretero, S., & Brande, L. V. den. (2016). *DigComp 2.0: Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini Aġġornament Fażi 1*. Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Kummissjoni Ewropea. Miksuba minn <http://dx.publications.europa.eu/10.2791/11517>

ANNEX I: Glossarju

Ekonomija kollaborattiva u konsum: it-terminu jirreferi għal mudelli tan-negozju li jiffaċilitaw is-swieg għall-użu temporanju ta' oġġetti jew servizzi bejn fornituri (pari) u konsumaturi (pari) jew utenti. L-ekonomija kollaborattiva tinvolvi tliet kategoriji ta' atturi: (i) fornituri tas-servizzi li jikkondividu assi, riżorsi, ħin u/jew ħiliet

— dawn jistgħu jkunu individwi privati li joffru servizzi fuq bażi okkażjonali, jew fornituri tas-servizzi li jaġixxu fil-kapaċità professjonali tagħhom (ii) utenti ta' dawn; u (iii) intermedjarji li jikkollegaw — permezz ta' pjattaforma online — fornituri mal-utenti u li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet bejniethom ("pjattaformi kollaborattivi"). It-tranżazzjonijiet tal-ekonomija kollaborattiva ġeneralment ma jinvolvux bidla fis-sjieda u jistgħu jitwettqu għall-qligħ jew mingħajr skop ta' qligħ.

Id-drittijiet tal-awtur: Għadd kbir ta' drittijiet intanġibbli mogħtija minn statut lill-awtur jew l-oriġinatur ta' ċerti produzzjonijiet letterarji jew artistiċi, fejn, għal perjodu limitat, il-privileġġ esklussiv jingħata lil dik il-persuna (jew lil kwalunkwe parti li lilha tittrasferixxi s-sjieda) biex isiru kopji tal-istess għall-pubblikazzjoni u l-bejgħ.

Kontenut diġitali: kwalunkwe tip ta' kontenut li jeżisti fil-forma ta' data diġitali li huwa kodifikat f'format li jinqara minn magna, u jista' jinħoloq, jinqara, jiġi distribwit, modifikat u maħżun permezz ta' kompjuters u teknoloġiji diġitali, eż. l-internet. Il-kontenut jista' jkun jew b'xejn jew bi ħlas. Eżempji ta' kontenut diġitali jinkludu: paġni web u siti web, midja soċjali, data u bażi ta' data, awdjo diġitali, bħal mp3s, u kotba elettroniċi, immaġni diġitali, vidjo diġitali, logħob diġitali, programmi tal-kompjuter u softwer (Vuorikari *et al*, 2016).

Konsumatur diġitali: persuna li tixtri, tikkondividi, tbigħ oġġetti u servizzi permezz ta' ambjenti diġitali.

Ambjent diġitali: kuntest jew "post", li huwa faċilitat permezz tat-teknoloġija u mezzi diġitali, ħafna drabi trażmess fuq l-internet, jew mezzi diġitali oħra, eż. netwerk tat-telefon ċellulari, Rekords u evidenza ta' interazzjoni ta' individwu ma' ambjent diġitali jikkostitwixxu l-impronta diġitali tagħhom. F'DigComp u DigCompConsumers, it-terminu ambjent diġitali jintuża bħala sfond għal azzjonijiet diġitali mingħajr ma jissemew teknoloġija jew għodda speċifika (Vuorikari *et al*, 2016).

Identità diġitali: Identità diġitali hija s-somma tal-informazzjoni kollha disponibbli b'mod diġitali dwar individwu. Qed issir dejjem aktar kompleta u traċċabbli, immexxija mit-tkabbir esponenzjali ta' data disponibbli u l-kapaċitajiet tal-big data biex tiġi pproċessata (BCG 2012). Pereżempju, persuna waħda tista' tuża kont tal-indirizz elettroniku wieħed għal raġunijiet personali, u ieħor għal tranżazzjonijiet tal-konsum tiegħu/tagħha.

Suq diġitali: fil-kuntest ta' DigCompConsumers, is-suq diġitali huwa l-firxa ta' siti web, webshops, applikazzjonijiet mobbli, logħob, pjattaformi fejn il-konsumaturi jistgħu jbigħu, jikkondividu, u jixtru oġġetti u servizzi.

Data personali: "data personali" tfisser kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli ("suġġett tad-data"); persuna identifikabbli huwa min jista' jkun identifikat, direttament jew indirettament, partikolarment b'referenza għal numru ta' identità jew għal fattur wieħed speċifiku jew aktar dwar l-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tiegħu; (id-Direttiva tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data (95/46/KE)).

Il-politika dwar il-privatezza: it-terminu relatat mal-protezzjoni tad-data personali, pereżempju, kif fornitur tas-servizzi jiġbor, jaħżen, jipproteġi, jiżvela, jittrasferixxi u juża informazzjoni (data) dwar l-utenti tiegħu, liema data tinġabar, eċċ.

Konsum sostenibbli: Konsum sostenibbli huwa l-konsum ta' oġġetti u servizzi li għandhom impatt minimu fuq l-ambjent, huma soċjalment ekwitabbli u ekonomikament vijabbli filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bnedmin, madwar id-dinja. Il-konsum

sostenibbli għandu fil-mira lil kulħadd, madwar is-setturi kollha u n-nazzjonijiet kollha, mill-individwu għall-gvernijiet u konglomerati multinazzjonali¹¹.

Produzzjoni u konsum sostenibbli: "L-użu ta' oġġetti u servizzi li jwieġbu għall-ħtiġijiet bażiċi u jirriżultaw fi kwalità tal-ħajja aħjar, filwaqt li jimminimizzaw l-użu ta' riżorsi naturali, materjali tossiċi u emissjonijiet tal-iskart u s-sustanzi niġġiesa tul iċ-ċiklu tal-ħajja, sabiex ma jipperikolawx il-ħtiġijiet ta' ġenerazzjonijiet futuri." (UNCSD, 1994).

¹¹ <http://www.gdrc.org/sustdev/concepts/22-s-consume.html>

ANNEX 2: Immappjar bejn DigComp u DigCompConsumers

It-tabella t'hawn taħt turi kif il-kompetenzi ddefiniti fil-qafas DigCompConsumers huma sostnuti mill-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini (DigComp 2.0).

DigComp	DigCompConsumers
1.1 L-ibbrawżjar, it-tiftix u l-iffiltrar ta' data, informazzjoni u kontenut diġitali	L-ibbrawżjar, it-tiftix u l-iffiltrar ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi
1.2 L-evalwazzjoni ta' data, informazzjoni u kontenut diġitali	L-evalwazzjoni u t-tqabbil ta' informazzjoni dwar oġġetti u servizzi Ir-rikonoxximent u l-evalwazzjoni ta' komunikazzjoni kummerċjali u
1.3 Il-ġestjoni ta' data, informazzjoni u kontenut diġitali	
2.1 L-interazzjoni permezz ta' teknoloġiji diġitali	L-interazzjoni fis-suq diġitali għax-xiri u l-bejgħ
2.2 Il-kondiviżjoni permezz ta' teknoloġiji diġitali	Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni ma' konsumaturi oħra fis-suq diġitali Il-parteciċipazzjoni fi pjattaformi tal-ekonomija
2.3 L-involviment fiċ-ċittadinanza permezz ta' teknoloġiji diġitali	Id-dikjarazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi fis-suq diġitali Il-ġestjoni ta' pagamenti u finanzi permezz ta' mezzi diġitali
2.4 Il-kollaborazzjoni permezz ta' teknoloġiji diġitali	
2.5 Netiquette	
2.6 Il-ġestjoni tal-identità diġitali	Il-ġestjoni tal-identità u l-profil diġitali fis-suq diġitali
3.1 L-iżvilupp tal-kontenut diġitali	
3.2 L-integrazzjoni u l-elaborazzjoni mill-ġdid tal-kontenut diġitali	
3.3 Drittijiet tal-awtur u liċenzji	Il-fehim ta' drittijiet tal-awtur, liċenzji u kuntratti ta' oġġetti u servizzi diġitali
3.4 Programmazzjoni	
4.1 Mezzi ta' protezzjoni	
4.2 Il-protezzjoni tad-data personali u l-	Il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza
4.3 Il-protezzjoni tas-saħħa u l-benessri	Il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà
4.4 Il-protezzjoni tal-ambjent	Il-kunsiderazzjoni tal-konsum responsabbli u sostenibbli fis-swieq
5.1 Is-soluzzjoni ta' problemi tekniċi	
5.2 L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u r-risposti teknoloġiċi	
5.3 Il-kreattività permezz ta' teknoloġiji	
5.4 L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi tal-kompetenza diġitali	L-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-limiti tal-kompetenza tal-konsumatur diġitali

ANNEX 3: Parteċipanti fis-sessjonijiet ta' ħidma

Sessjoni ta' ħidma fi Brussell fl-14-15 ta' Diċembru 2015

Frank Molcker	Il-Fondazzjoni tal-ECDL
Hanna Turetski	Il-Bord tal-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Estonia
Cristophe Bernes	INC Pariġi
Sissel Annie Husebråten	Ministeru tat-Tfal, l-Ugwaljanza u l-Inklużjoni Soċjali, Oslo
	Ministeru Awstrijak tal-Affarijiet Soċjali
Taina Mäntylä	L-Awtorità Finlandiża għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur
Vera Fricke	Federazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Ġermaniżi tal-Konsumatur
Anna Fielder	
Anita Forsnäsgrård	Aġenzija tal-Konsumaturi tal-Iżvezja
Mattia Tempini	KE DG JUST
Julien Brugeroles	KE DG JUST
Katja Viertio	KE DG JUST
Anita Fokkema	KE DG JUST
Silvia Pella	KE DG JUST
Riina Vuorikari	KE JRC
Yves Punie	KE JRC
Martin Ulbrich	KE DG CONNECT
FAURE Jean-Pierre	Segretarjat, CES
Emanuele Ciriolo	KE DG JRC
Barbara Brečko	Espert

Sessjoni ta' ħidma f'Sevilja fit-28-29 ta' April 2016

Hanna Turetski	Il-Bord tal-Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Estonja
Taina Mäntylä	L-Awtorità Finlandiża għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur
Vera Fricke	Federazzjoni tal-Organizzazzjonijiet Ġermaniżi tal-Konsumatur
Cristophe Bernes	INC Franza
David Martin	BEUC - Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi
Rieko Tamefuji	OECD
Muriel Santoro	Expertise Franza
Ingrid Kjorstad	Istitut Nazzjonali għar-Riċerka dwar il-Konsumaturi (SIFO)
Eva van Reijmersdal	Fakultà tax-Xjenzi Soċjali u Kompportamentali Università ta'
Yves Punie	KE JRC
Riina Vuorikari	KE JRC
Stephanie Carretero	KE JRC
Nuria Rodriguez	KE JRC
René Van Bavel	KE JRC
Anita Fokkema	KE DG JUST
Barbara Brečko	Espert
Anusca Ferrari	Espert

Europe Direct huwa servizz biex jgħinek issib it-tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea Numru tat-telefon bla ħlas (*): 00 800 6 7 8 9 10 11

(*). Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella t-telefonati jkunu bi ħlas.

ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea tinsab fuq l-Internet. Issibu permezz tas-server Europa <http://europa.eu>

Kif għandek tagħmel biex tikseb il-pubblikazzjonijiet tal-UE

Il-pubblikazzjonijiet tagħna huma disponibbli mill-Bookshop tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>), fejn tista' tagħmel ordni mal-aġent tal-bejgħ tal-għażla tiegħek.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu netwerk madwar id-dinja ta' aġenti tal-bejgħ. Tista' tikseb id-dettalji ta' kuntatt tagħhom billi tibgħat faks lil (352) 29 29-42758.

JRC Mission

As the science and knowledge service of the European Commission, the Joint Research Centre's mission is to support EU policies with independent evidence throughout the whole policy cycle.



EU Science Hub

ec.europa.eu/jrc



@EU_ScienceHub



EU Science Hub - Joint Research Centre



Joint Research Centre



EU Science Hub

